

## Opinjoni tal-Kumitat Ewropew tar-Reġjuni — Il-pakkett REACT-EU

(2020/C 440/26)

<b>Relatur ġenerali:</b>	Mieczysław STRUK (PL/PPE), President tar-Reġjun ta' Pomorskie
<b>Dokumenti ta' referenza:</b>	COM(2020) 451 final
	COM(2020) 450 final
	COM(2020) 452 final
	COM(2020) 447 final

## I. RAKKOMANDAZZJONIJIET SABIEX JITRESSQU L-EMENDI

Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda r-Regolament (UE) Nru 1303/2013 fir-rigward ta' riżorsi addizzjonali eċċezzjonali u arranġamenti implimentattivi taħt il-mira tal-Investment għat-tkabbir u l-impjiegi biex jipprovdi assistenza għat-trawwim ta' miżuri li jsewwu d-dannu kkawżat mill-kriżi fil-kuntest tal-pandemija tal-COVID-19 u t-tnejn ta' rkupru ekoloġiku, diġitali u reżiljenti tal-ekonomija (REACT-EU)

COM(2020) 451 final

## Emenda 1

COM (2020) 451 final — Parti 1

Titolu tal-att

Test propost mill-Kummissjoni	Emenda tal-KtR
Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda r-Regolament (UE) Nru 1303/2013 fir-rigward ta' riżorsi addizzjonali eċċezzjonali u arranġamenti implimentattivi taħt il-mira tal-Investment għat-tkabbir u l-impjiegi biex jipprovdi assistenza għat-trawwim ta' miżuri li jsewwu d-dannu kkawżat mill-kriżi fil-kuntest tal-pandemija tal-COVID-19 u t-tnejn ta' rkupru ekoloġiku, diġitali u reżiljenti tal-ekonomija (REACT-EU)	Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda r-Regolament (UE) Nru 1303/2013 fir-rigward ta' riżorsi addizzjonali eċċezzjonali u arranġamenti implimentattivi taħt il-mira tal-Investment għat-tkabbir u l-impjiegi <b>u l-mira tal-kooperazzjoni territorjali Ewropea</b> biex jipprovdi assistenza għat-trawwim ta' miżuri li jsewwu d-dannu kkawżat mill-kriżi fil-kuntest tal-pandemija tal-COVID-19 u t-tnejn ta' rkupru ekoloġiku, diġitali u reżiljenti tal-ekonomija (REACT-EU)

## Raġuni

Il-pandemija tal-COVID-19 u l-għeluq unilaterali tal-fruntieri u tal-fruntieri interni ta' għadd ta' Stati Membri kkawżaw danni enormi lir-reġjuni tal-fruntieri li jeħtieġ jiġu indirizzati kif xieraq.

**Emenda 2**

COM (2020) 451 final — Parti 1

Premessa 1

Test propost mill-Kummissjoni	Emenda tal-KtR
L-Istati Membri ntlawtu mill-kriżi minħabba l-konsegwenzi tal-pandemija tal-COVID-19 b'mod bla preċedent. Il-kriżi tfixkel it-tkabbir fl-Istati Membri, li min-naħa tiegħu jaggrava n-nuqqas serju ta' likwidità minħabba ż-żieda f'daqqa u sinifikanti fl-investimenti pubbliċi meħtieġa fis-sistemi tal-kura tas-saħħa tagħhom u f'setturi oħra tal-ekonomija tagħhom. Dan ħoloq sitwazzjoni eċċezzjonali li jeħtieġ li tiġi indirizzata b'miżuri speċifiċi.	L-Istati Membri ntlawtu mill-kriżi minħabba l-konsegwenzi tal-pandemija tal-COVID-19 b'mod bla preċedent. Il-kriżi <b>żiedet ir-riskju ta' faqar u aggravat id-disparità soċjali fl-UE</b> , tfixkel it-tkabbir fl-Istati Membri, li min-naħa tiegħu jaggrava n-nuqqas serju ta' likwidità minħabba ż-żieda f'daqqa u sinifikanti fl-investimenti pubbliċi meħtieġa fis-sistemi tal-kura tas-saħħa tagħhom u f'setturi oħra tal-ekonomija tagħhom. Dan ħoloq sitwazzjoni eċċezzjonali li jeħtieġ li tiġi indirizzata b'miżuri speċifiċi.

**Emenda 3**

COM (2020) 451 final — Parti 1

Premessa 4

Test propost mill-Kummissjoni	Emenda tal-KtR
Skont ir-Regolament [l-Istrument ta' Rkupru Ewropew] u fil-limiti tar-riżorsi allokati fihom, għandhom jittieħdu miżuri ta' rkupru u reżiljenza taħt il-Fondi Ewropej tal-Investment u l-Fondi Strutturali biex jiġi l-indirizzat l-impatt mingħajr preċedent tal-kriżi tal-COVID-19. <b>Tali riżorsi addizzjonali jenħtieġ li jintużaw biex tiġi żgurata l-konformità mat-termini stipulati fir-Regolament [ERI]</b> . Barra minn dan, jenħtieġ li jsiru disponibbli riżorsi addizzjonali għall-koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali permezz ta' revizzjoni tal-qafas finanzjarju pluriennali għall-2014-2020.	Skont ir-Regolament [l-Istrument ta' Rkupru Ewropew] u fil-limiti tar-riżorsi allokati fihom, għandhom jittieħdu miżuri ta' rkupru u reżiljenza taħt il-Fondi Ewropej tal-Investment u l-Fondi Strutturali biex jiġi l-indirizzat l-impatt mingħajr preċedent tal-kriżi tal-COVID-19. Barra minn dan, jenħtieġ li jsiru disponibbli riżorsi addizzjonali għall-koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali permezz ta' revizzjoni tal-qafas finanzjarju pluriennali għall-2014-2020.

**Raġuni**

Għandha tingħata aktar flessibilità.

**Emenda 4**

COM (2020) 451 final — Parti 1

Premessa 5

Test propost mill-Kummissjoni	Emenda tal-KtR
<p>Ammont eċċezzjonali addizzjonali ta' EUR 58 272 800 000 (bi prezzijiet ta' bħalissa) għal impenn baġitarju mill-Fondi Strutturali taħt il-mira tal-Investment għat-tkabbir u l-impjegi, għas-snin 2020, 2021 u 2022, għandu jkun disponibbli bħala sostenn lill-Istati Membri u lir-reġjuni l-aktar milquta bil-miżuri ta' tiswija tad-dannu kkawżat mill-kriżi fil-kuntest tal-pandemija tal-COVID-19 jew fit-tħejjija ta' rkupru ekoloġiku, diġitali u reżiljenti tal-ekonomija, bil-ħsieb li jiġu skjerati riżorsi malajr fl-ekonomija reali permezz tal-programmi operattivi eżistenti. Ir-riżorsi għall-2020 ġejjin minn żieda fir-riżorsi disponibbli għall-koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali fil-qafas finanzjarju pluriennali għall-2014-2020 filwaqt li r-riżorsi għall-2021 u l-2022 ġejjin mill-Istrument ta' Rkupru tal-Unjoni Ewropea. Parti mir-riżorsi addizzjonali jenħtieġ li jiġu allokati għall-ghajjnuna teknika fuq l-inizjattiva tal-Kummissjoni. Il-Kummissjoni jenħtieġ li tistabbilixxi t-tqassim tar-riżorsi addizzjonali li jifdal għal kull Stat Membru abbażi ta' metodu ta' allokazzjoni bbażat fuq l-aħħar data statistika oġġettiva disponibbli li tikkonċerna l-prosperità relattiva tal-Istati Membri u l-firxa tal-effett tal-kriżi attwali fuq l-ekonomiji u s-soċjetajiet tagħhom. Il-metodu ta' allokazzjoni jenħtieġ li jinkludi ammont iddedikat addizzjonali għar-reġjuni ultraperiferi minħabba l-vulnerabbiltà speċifika tal-ekonomiji u s-soċjetajiet tagħhom. Sabiex tiġi riflessa n-natura li qed tevolvi tal-effetti tal-kriżi, l-analiżi dettaljata għandha tiġi riveduta fl-2021 fuq il-bażi tal-istess metodu ta' allokazzjoni bl-użu tal-aktar data statistika reċenti disponibbli sad-19 ta' Ottubru 2021 biex jitqassam is-segment tal-2022 tar-riżorsi addizzjonali.</p>	<p>Ammont eċċezzjonali addizzjonali ta' EUR 58 272 800 000 (bi prezzijiet ta' bħalissa) għal impenn baġitarju mill-Fondi Strutturali taħt il-mira tal-Investment għat-tkabbir u l-impjegi <b>u taħt il-mira tal-kooperazzjoni territorjali Ewropea</b>, għas-snin 2020, 2021 u 2022 <b>u fil-każi fejn mitlub minn awtorità maniġerjali u ġustifikat minn Stat Membru għas-snin 2023 u 2024 wkoll</b>, għandu jkun disponibbli bħala sostenn lill-Istati Membri u lir-reġjuni l-aktar milquta bil-miżuri ta' tiswija tad-dannu kkawżat mill-kriżi fil-kuntest tal-pandemija tal-COVID-19 jew fit-tħejjija ta' rkupru ekoloġiku, diġitali u reżiljenti tal-ekonomija, bil-ħsieb li jiġu skjerati riżorsi malajr fl-ekonomija reali permezz tal-programmi operattivi eżistenti. Ir-riżorsi għall-2020 ġejjin minn żieda fir-riżorsi disponibbli għall-koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali fil-qafas finanzjarju pluriennali għall-2014-2020 filwaqt li r-riżorsi għall-2021 u l-2022, <b>u fejn applikabbli għall-2023 u l-2024</b>, ġejjin mill-Istrument ta' Rkupru tal-Unjoni Ewropea. Parti mir-riżorsi addizzjonali jenħtieġ li jiġu allokati għall-ghajjnuna teknika fuq l-inizjattiva tal-Kummissjoni. Il-Kummissjoni jenħtieġ li tistabbilixxi t-tqassim tar-riżorsi addizzjonali li jifdal għal kull Stat Membru abbażi ta' metodu ta' allokazzjoni bbażat fuq l-aħħar data statistika oġġettiva disponibbli li tikkonċerna l-prosperità relattiva tal-Istati Membri u l-firxa tal-effett tal-kriżi attwali fuq l-ekonomiji u s-soċjetajiet tagħhom. Il-metodu ta' allokazzjoni jenħtieġ li jinkludi ammont iddedikat addizzjonali għar-reġjuni ultraperiferi minħabba l-vulnerabbiltà speċifika tal-ekonomiji u s-soċjetajiet tagħhom. Sabiex tiġi riflessa n-natura li qed tevolvi tal-effetti tal-kriżi, l-analiżi dettaljata għandha tiġi riveduta fl-2021 fuq il-bażi tal-istess metodu ta' allokazzjoni bl-użu tal-aktar data statistika reċenti disponibbli sad-19 ta' Ottubru 2021 biex jitqassam is-segment tal-2022, <b>u fejn rilevanti, is-segmenti tal-2023 u l-2024</b> tar-riżorsi addizzjonali.</p>

**Raġuni**

L-awtoritajiet maniġerjali se jkollhom bżonn aktar żmien u flessibilità biex jimplementaw programm ġdid ta' dan id-daqs.

**Emenda 5**

COM (2020) 451 final — Parti 1

Premessa 7

Test propost mill-Kummissjoni	Emenda tal-KtR
<p>Sabiex tkun permessa flessibbiltà massima lill-Istati Membri fit-tfassil ta' azzjonijiet ta' teħid ta' miżuri li jsewwu d-dannu kkawżat mill-kriżi fil-kuntest tal-pandemija tal-COVID-19 jew fit-tħejjija ta' rkupru ekoloġiku, diġitali u reżiljenti tal-ekonomija, l-allokazzjonijiet jenħtieġ li jkunu stabbiliti mill-Kummissjoni fil-livell tal-Istati Membri. Barra minn hekk, jenħtieġ li jsir provvediment ukoll għall-possibbiltà li jintużaw xi riżorsi addizzjonali biex jingħata sostenn lil dawk l-aktar fil-bżonn. Barra minn hekk, huwa meħtieġ li jiġu stabbiliti limiti massimi li jikkonċernaw l-allokazzjoni għall-assistenza teknika fuq l-inizjattiva tal-Istati Membri filwaqt li titħalla l-flessibbiltà massima lill-Istati Membri fir-rigward tal-allokazzjoni tagħha fi ħdan il-programmi operattivi appoġġati mill-FEŻR jew mill-FSE. <b><i>Għandu jiġi ċċarat li ma hemmx bżonn li jiġi rispettati is-sehem minimu tal-FSE għar-riżorsi addizzjonali.</i></b> Fil-kunsiderazzjoni tal-infieq rapidu mistenni tar-riżorsi addizzjonali, l-impenji marbuta ma' dawk ir-riżorsi addizzjonali jenħtieġ li jiġu diżimpenjati biss fl-għeluq tal-programmi operattivi.</p>	<p>Sabiex tkun permessa flessibbiltà massima lill-Istati Membri fit-tfassil ta' azzjonijiet ta' teħid ta' miżuri li jsewwu d-dannu kkawżat mill-kriżi fil-kuntest tal-pandemija tal-COVID-19 jew fit-tħejjija ta' rkupru ekoloġiku, diġitali u reżiljenti tal-ekonomija, l-allokazzjonijiet jenħtieġ li jkunu stabbiliti mill-Kummissjoni fil-livell tal-Istati Membri. <b><i>Madankollu, l-awtoritajiet reġjonali u lokali għandhom ikunu involuti bis-siħ fit-tħejjija u l-implimentazzjoni ta' proġetti b'approċċ b'saħħtu ta' governanza f'diversi livelli.</i></b> Barra minn hekk, jenħtieġ li jsir provvediment ukoll għall-possibbiltà li jintużaw xi riżorsi addizzjonali biex jingħata sostenn lil dawk l-aktar fil-bżonn. Barra minn hekk, huwa meħtieġ li jiġu stabbiliti limiti massimi li jikkonċernaw l-allokazzjoni għall-assistenza teknika fuq l-inizjattiva tal-Istati Membri filwaqt li titħalla l-flessibbiltà massima lill-Istati Membri fir-rigward tal-allokazzjoni tagħha fi ħdan il-programmi operattivi appoġġati mill-FEŻR jew mill-FSE. Fil-kunsiderazzjoni tal-infieq rapidu mistenni tar-riżorsi addizzjonali, l-impenji marbuta ma' dawk ir-riżorsi addizzjonali jenħtieġ li jiġu diżimpenjati biss fl-għeluq tal-programmi operattivi.</p>

**Raġuni**

Il-FSE m'għandux jiddgħajjef.

## Emenda 6

COM (2020) 451 final — Parti 1

Premessa 14

Test propost mill-Kummissjoni	Emenda tal-KtR
<p>Sabiex l-Istati Membri jkunu jistgħu jużaw malajr ir-riżorsi addizzjonali għat-teħid ta' miżuri li jsewwu d-dannu kkawżat mill-kriżi fil-kuntest tal-pandemija tal-COVID-19 u għat-tħejija ta' rkupru ekoloġiku, diġitali u reżiljenti tal-ekonomija fi ħdan il-perjodu ta' programmazzjoni preżenti, huwa ġġustifikat li l-Istati Membri jiġu eżentati, fuq bażi eċċezzjonali, mill-ħtieġa li jikkonformaw mal-kundizzjonalitajiet u r-rekwiżiti ex ante dwar ir-riżerva tal-prestazzjoni u l-applikazzjoni tal-qafas ta' prestazzjoni, minn dawk dwar il-konċentrazzjoni tematika, anke fir-rigward tal-limiti stabbiliti għall-iżvilupp urban sostenibbli għall-FEŻR, u mir-rekwiżiti dwar it-tħejija ta' strateġija ta' komunikazzjoni għar-riżorsi addizzjonali. Huwa meħtieġ madankollu li l-Istati Membri jagħmlu mill-inqas evalwazzjoni waħda sal-31 ta' Diċembru 2024 biex jiġu vvalutati l-effettività, l-effiċjenza u l-impatt tar-riżorsi addizzjonali kif ukoll kif dawn ikunu kkontribwew fl-ilħuq tal-għanijiet tal-obiettiv tematiku ddedikat ġdid. Biex tiġi ffaċilitata d-disponibbiltà ta' informazzjoni komparabbli fil-livell tal-Unjoni, l-Istati Membri huma mħeġġa jagħmlu użu mill-indikaturi speċifiċi għall-programmi disponibbli mill-Kummissjoni. Barra minn hekk, filwaqt li jwettqu r-responsabbiltajiet tagħhom marbuta mal-informazzjoni, il-komunikazzjoni u l-viżibbiltà, l-Istati Membri u l-awtoritajiet ta' ġestjoni għandhom itejbu l-viżibbiltà tal-miżuri u r-riżorsi eċċezzjonali introdotti mill-Unjoni, b'mod partikolari billi jiżguraw li l-benefiċjarji potenzjali, il-benefiċjarji, il-parteċipanti, ir-riċevituri finali tal-istrumenti finanzjarji u l-pubbliku ġenerali jkunu konxji mill-eżistenza, mill-volum u mill-appoġġ addizzjonali li jirriżultaw mir-riżorsi addizzjonali.</p>	<p>Sabiex l-Istati Membri jkunu jistgħu jużaw malajr ir-riżorsi addizzjonali għat-teħid ta' miżuri li jsewwu d-dannu kkawżat mill-kriżi fil-kuntest tal-pandemija tal-COVID-19 u għat-tħejija ta' rkupru ekoloġiku, diġitali u reżiljenti tal-ekonomija fi ħdan il-perjodu ta' programmazzjoni preżenti, huwa ġġustifikat li l-Istati Membri jiġu eżentati, fuq bażi eċċezzjonali, mill-ħtieġa li jikkonformaw mal-kundizzjonalitajiet u r-rekwiżiti ex ante dwar ir-riżerva tal-prestazzjoni u l-applikazzjoni tal-qafas ta' prestazzjoni, minn dawk dwar il-konċentrazzjoni tematika, anke fir-rigward tal-limiti stabbiliti għall-iżvilupp urban sostenibbli għall-FEŻR, u mir-rekwiżiti dwar it-tħejija ta' strateġija ta' komunikazzjoni għar-riżorsi addizzjonali. Huwa meħtieġ madankollu li l-Istati Membri jagħmlu mill-inqas evalwazzjoni waħda sal-31 ta' Diċembru 2024, <b>jew sal-31 ta' Diċembru 2026 fejn riżorsi addizzjonali jsiru disponibbli għal impenn baġitarju fl-2023 u l-2024</b>, biex jiġu vvalutati l-effettività, l-effiċjenza u l-impatt tar-riżorsi addizzjonali kif ukoll kif dawn ikunu kkontribwew fl-ilħuq tal-għanijiet tal-obiettiv tematiku ddedikat ġdid. Biex tiġi ffaċilitata d-disponibbiltà ta' informazzjoni komparabbli fil-livell tal-Unjoni, l-Istati Membri huma mħeġġa jagħmlu użu mill-indikaturi speċifiċi għall-programmi disponibbli mill-Kummissjoni. Barra minn hekk, filwaqt li jwettqu r-responsabbiltajiet tagħhom marbuta mal-informazzjoni, il-komunikazzjoni u l-viżibbiltà, l-Istati Membri u l-awtoritajiet ta' ġestjoni għandhom itejbu l-viżibbiltà tal-miżuri u r-riżorsi eċċezzjonali introdotti mill-Unjoni, b'mod partikolari billi jiżguraw li l-benefiċjarji potenzjali, il-benefiċjarji, il-parteċipanti, ir-riċevituri finali tal-istrumenti finanzjarji u l-pubbliku ġenerali jkunu konxji mill-eżistenza, mill-volum u mill-appoġġ addizzjonali li jirriżultaw mir-riżorsi addizzjonali.</p>

**Raġuni**

L-awtoritajiet maniġerjali se jkollhom b'zonn aktar żmien u flessibilità biex jimplimentaw programm ġdid ta' dan id-daqs.

**Emenda 7**

COM (2020) 451 final — Parti 1

Premessa 21

Test propost mill-Kummissjoni	Emenda tal-KtR
<p>L-Artikolu 135(2) tal-Ftehim dwar il-ħruġ tar-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq mill-Unjoni Ewropea u mill-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika jistipula li l-emendi għar-Regolament tal-Kunsill (UE, Euratom) Nru 1311/2013 jew id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2014/335/UE, Euratom li jiġu adottati fid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dak il-Ftehim jew wara, ma għandhomx japplikaw għar-Renju Unit sa fejn daww l-emendi jkollhom impatt fuq l-obbligi finanzjarji tar-Renju Unit. L-appoġġ skont dan ir-Regolament għall-2020 huwa ffinanzjat minn żieda tal-limitu massimu tal-Qafas Finanzjarju Pluriennali u għall-2021 u l-2022 minn żieda fil-limitu massimu tar-riżorsi proprji tal-Unjoni, li jkollu impatt fuq l-obbligi finanzjarju tar-Renju Unit. Għalhekk, dan ir-Regolament ma għandux japplika għar-Renju Unit u fir-Renju Unit.</p>	<p>L-Artikolu 135(2) tal-Ftehim dwar il-ħruġ tar-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq mill-Unjoni Ewropea u mill-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika <sup>(1)</sup> jistipula li l-emendi għar-Regolament tal-Kunsill (UE, Euratom) Nru 1311/2013 <sup>(2)</sup> jew id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2014/335/UE, Euratom <sup>(3)</sup> li jiġu adottati fid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dak il-Ftehim jew wara, ma għandhomx japplikaw għar-Renju Unit sa fejn daww l-emendi jkollhom impatt fuq l-obbligi finanzjarji tar-Renju Unit. L-appoġġ skont dan ir-Regolament għall-2020 huwa ffinanzjat minn żieda tal-limitu massimu tal-Qafas Finanzjarju Pluriennali u għall-2021 u l-2022, <b>u fejn applikabbli għall-2023 u l-2024</b>, minn żieda fil-limitu massimu tar-riżorsi proprji tal-Unjoni, li jkollu impatt fuq l-obbligi finanzjarju tar-Renju Unit. Għalhekk, dan ir-Regolament ma għandux japplika għar-Renju Unit u fir-Renju Unit.</p> <p><sup>(1)</sup> <i>ĠU L 29, 31.1.2020, p. 7.</i>  <sup>(2)</sup> <i>Ir-Regolament tal-Kunsill (UE, Euratom) Nru 1311/2013 tat-2 ta' Diċembru 2013 li jstabilixxi l-qafas finanzjarju pluriennali għas-snin 2014-2020 (ĠU L 347, 20.12.2013, p. 884).</i>  <sup>(3)</sup> <i>Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2014/335/UE, Euratom, tas-26 ta' Mejju 2014, dwar is-sistema tar-riżorsi proprji tal-Unjoni Ewropea (ĠU L 168, 7.6.2014, p. 105).</i></p>

**Raġuni**

L-awtoritajiet maniġerjali se jkollhom bżonn aktar żmien u flessibilità biex jimplimentaw programm ġdid ta' dan id-daqs.

**Emenda 8**

COM (2020) 451 final — Parti 1

Emenda l-Artikolu 1, paragrafu 1, punt 1

Regolament (UE) Nru 1303/2013

Artikolu 91, paragrafu 1a

Test propost mill-Kummissjoni	Emenda tal-KtR
<p>fl-Artikolu 91, jiddaħħal il-paragrafu 1a li ġej:</p> <p>“1a. B'żieda mar-riżorsi globali li ssir referenza għalihom fil-paragrafu 1, għandhom ikunu disponibbli riżorsi addizzjonali ta' EUR 5 000 000 000 fi prezzijiet <b>ta' bħalissa</b> għall-koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali għall-impenn baġitarju għall-2020, u allokati lill-FEŻR u l-FSE.”;</p>	<p>fl-Artikolu 91, jiddaħħal il-paragrafu 1a li ġej:</p> <p>“1a. B'żieda mar-riżorsi globali li ssir referenza għalihom fil-paragrafu 1, għandhom ikunu disponibbli riżorsi addizzjonali ta' EUR 5 000 000 000 fi prezzijiet <b>kostanti tal-2018</b> għall-koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali għall-impenn baġitarju għall-2020, u allokati lill-FEŻR u l-FSE.”;</p>

**Raġuni**

L-użu tal-prezzijiet kostanti tal-2018 huwa konformi mal-konklużjonijiet tal-laqgħa Speċjali tal-Kunsill Ewropew li saret bejn is-17 u l-21 ta' Lulju 2020 <sup>(1)</sup>.

**Emenda 9**

COM (2020) 451 final — Parti 1

Emenda l-Artikolu 1, paragrafu 1, punt 2

Regolament (UE) Nru 1303/2013

Artikolu 92a, l-ewwel u t-tieni paragrafu

Test propost mill-Kummissjoni	Emenda tal-KtR
<p>Il-miżuri li ssir referenza għalihom fl-Artikolu 2 tar-Regolament [ERI] għandhom jiġu implimentati taħt il-Fondi Strutturali b'ammont ta' EUR 53 272 800 000 fi prezzijiet ta' bħalissa tal-ammont li ssir referenza għalih fl-Artikolu 3 (2)(a)(i) ta' dak ir-Regolament, soġġett għall-Artikolu 4(3), (4) u (8) tiegħu.</p> <p>Dawn ir-riżorsi addizzjonali għall-2021 u l-2022 għandhom jikkostitwixxi dħul assenjat estern f'konformità mal-Artikolu 21(5) tar-Regolament Finanzjarju.</p>	<p>Il-miżuri li ssir referenza għalihom fl-Artikolu 2 tar-Regolament [ERI] għandhom jiġu implimentati taħt il-Fondi Strutturali b'ammont ta' EUR 53 272 800 000 fi prezzijiet ta' bħalissa tal-ammont li ssir referenza għalih fl-Artikolu 3 (2)(a)(i) ta' dak ir-Regolament, soġġett għall-Artikolu 4(3), (4) u (8) tiegħu.</p> <p>Dawn ir-riżorsi addizzjonali għall-2021 u l-2022 għandhom jikkostitwixxi dħul assenjat estern f'konformità mal-Artikolu 21(5) tar-Regolament Finanzjarju. <b>Deċiżjoni biex il-miżuri ta' flessibilità taħt REACT-EU jiġu estiżi għas-snin 2023 u 2024 tista' tittieħed permezz ta' att delegat.</b></p>

**Raġuni**

L-awtoritajiet maniġerjali se jkollhom bżonn aktar żmien u flessibilità biex jimplimentaw programm ġdid ta' dan id-daqs.

**Emenda 10**

COM (2020) 451 final — Parti 1

Regolament (UE) Nru 1303/2013

Ibdel l-intestatura

Artikolu 92b

Test propost mill-Kummissjoni Ewropea	Emenda tal-KtR
<p>Riżorsi addizzjonali eċċezzjonali u arranġamenti implimentattivi taħt il-mira "Investiment għat-<b>tkabbir</b> u l-impjiegi" biex <b>jipprovdi</b> assistenza għat-trawwim ta' miżuri li jsewwu d-dannu kawżat mill-kriżi fil-kuntest tal-pandemija tal-COVID-19 u t-tnejn ta' rkupru ekoloġiku, diġitali u reżiljenti tal-ekonomija (REACT-EU)</p>	<p>Riżorsi addizzjonali eċċezzjonali u arranġamenti implimentattivi taħt il-mira "Investiment għat-<b>tkabbir</b> u l-impjiegi" <b>u l-mira tal-kooperazzjoni territorjali Ewropea</b> biex <b>jipprovdu</b> assistenza għat-trawwim ta' miżuri li jsewwu d-dannu kawżat mill-kriżi fil-kuntest tal-pandemija tal-COVID-19 u t-tnejn ta' rkupru ekoloġiku, diġitali u reżiljenti tal-ekonomija (REACT-EU)</p>

<sup>(1)</sup> <https://data.consilium.europa.eu/doc/document/ST-10-2020-INIT/mt/pdf>

**Raġuni**

Il-pandemija tal-COVID-19 u l-għeluq unilaterali tal-fruntieri u tal-fruntieri interni ta' għadd ta' Stati Membri kkawżaw danni enormi lir-reġjuni tal-fruntieri li jeħtieġ jiġu indirizzati kif xieraq.

**Emenda 11**

COM (2020) 451 final — Parti 1

Regolament (UE) Nru 1303/2013

Artikolu 92b, paragrafu 1

Test proposit mill-Kummissjoni	Emenda tal-KtR
Riżorsi addizzjonali eċċezzjonali u arranġamenti implimentattivi taħt il- <i>mira</i> “Investiment għat- <i>tkabbir</i> u l- <i>impjiegi</i> ” biex <i>jipprovdi</i> assistenza għat-trawwim ta' miżuri li jsewwu d-dannu kawżat mill-kriżi fil-kuntest tal-pandemija tal-COVID-19 u t-tnejn ta' rkupru ekoloġiku, diġitali u reżiljenti tal-ekonomija (REACT-EU) Ir-riżorsi għandhom jintużaw biex tiġi implimentata assistenza teknika skont il-paragrafu 6 ta' dan l-Artikolu u l-operazzjonijiet li jimplementaw l-oġettiv tematiku fil-paragrafu 10 ta' dan l-Artikolu.	Riżorsi addizzjonali eċċezzjonali u arranġamenti implimentattivi taħt il- <i>miri ta'</i> “Investiment għat- <i>tkabbir</i> u l- <i>impjiegi</i> ” <b>u ta' kooperazzjoni territorjali Ewropea</b> biex <i>jipprovdu</i> assistenza għat-trawwim ta' miżuri li jsewwu d-dannu kawżat mill-kriżi fil-kuntest tal-pandemija tal-COVID-19 u t-tnejn ta' rkupru ekoloġiku, diġitali u reżiljenti tal-ekonomija (REACT-EU) Ir-riżorsi għandhom jintużaw biex tiġi implimentata assistenza teknika skont il-paragrafu 6 ta' dan l-Artikolu u l-operazzjonijiet li jimplementaw l-oġettiv tematiku fil-paragrafu 10 ta' dan l-Artikolu.

**Raġuni**

Il-pandemija tal-COVID-19 u l-lockdowns bikrija kellhom impatt devastanti fuq il-kooperazzjoni transfruntiera. Il-proġetti taħt l-*mira* tal-kooperazzjoni territorjali, inkluża l-kooperazzjoni transfruntiera għandhom ikunu eliġibbli għall-finanzjament.

**Emenda 12**

COM (2020) 451 final — Parti 1

Emenda l-Artikolu 1, paragrafu 1, punt 2

Regolament (UE) Nru 1303/2013

Artikolu 92b, paragrafu 2

Test proposit mill-Kummissjoni	Emenda tal-KtR
Ir-riżorsi addizzjonali għandhom isiru disponibbli għall-impenn baġitarju għas-snin 2020 sa 2022 flimkien mar-riżorsi globali stabbiliti fl-Artikolu 91 kif ġej:	Ir-riżorsi addizzjonali għandhom isiru disponibbli għall-impenn baġitarju għas-snin 2020 sa 2022 flimkien mar-riżorsi globali stabbiliti fl-Artikolu 91 kif ġej:
— 2020: EUR 5 000 000 000;	— 2020: EUR 5 000 000 000;
— 2021: EUR 42 434 400 000;	— 2021: EUR 34 615 620 000.
— 2022: EUR 10 820 400 000.	— 2022: EUR 18 639 180 000.



Test propost mill-Kummissjoni	Emenda tal-KtR
<p>Ir-riżorsi addizzjonali għall-2020 għandhom isiru disponibbli mir-riżorsi addizzjonali kif stabbilit fl-Artikolu 91(1a).</p> <p>Ir-riżorsi addizzjonali għall-2021 u l-2022 għandhom isiru disponibbli mir-riżorsi addizzjonali kif stabbilit fl-Artikolu 92a. Ir-riżorsi addizzjonali stabbiliti fl-Artikolu 92a għandhom ukoll jappoġġjaw in-nefqa amministrattiva sa massimu ta' EUR 18 000 000 fi prezzijiet <i>ta' bħalissa</i>.</p>	<p>Ir-riżorsi addizzjonali għall-2020 għandhom isiru disponibbli mir-riżorsi addizzjonali kif stabbilit fl-Artikolu 91(1a).</p> <p>Ir-riżorsi addizzjonali għall-2021 u l-2022 għandhom isiru disponibbli mir-riżorsi addizzjonali kif stabbilit fl-Artikolu 92a. <b>Permezz ta' reviżjoni ta' dan ir-Regolament permezz ta' att delegat u abbażi ta' talba minn awtorità maniġerjali u ġustifikata minn Stat Membru, ir-riżorsi addizzjonali jistgħu jsiru disponibbli wkoll għall-impenn baġitarju fl-2023 u l-2024.</b> Ir-riżorsi addizzjonali stabbiliti fl-Artikolu 92a għandhom ukoll jappoġġjaw in-nefqa amministrattiva sa massimu ta' EUR 18 000 000 fi prezzijiet <b>kostanti tal-2018</b>.</p>

### Raġuni

L-impenn tar-riżorsi disponibbli għandu jinfexx b'mod aktar regolari fuq l-2021 u l-2022 (65 % u 35 % rispettivament) sabiex jitnaqqas il-piż amministrattiv tal-awtoritajiet ta' ġestjoni u l-benefiċjarji mal-għeluq tal-Programmi Operattivi 2014-2020 u l-bidu tal-Programmi Operattivi 2021-2027. Ir-riżorsi addizzjonali li jappoġġjaw in-nefqa amministrattiva għandhom jiġu espressi fi prezzijiet kostanti. L-awtoritajiet maniġerjali se jkollhom bżonn aktar żmien u flessibilità biex jimplimentaw programm ġdid ta' dan id-daqs.

### Emenda 13

COM (2020) 451 final — Parti 1

Emenda l-Artikolu 1, paragrafu 1, punt 2

Regolament (UE) Nru 1303/2013

Artikolu 92b, paragrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni	Emenda tal-KtR
<p>Il-Kummissjoni għandha tadotta deċiżjoni, permezz ta' atti ta' implimentazzjoni, li tistabbilixxi t-tqassim tar-riżorsi addizzjonali bħala approprjazzjonijiet mill-Fondi Strutturali għall-2020 u l-2021 għal kull Stat Membru skont il-kriterji u l-metodoloġija stabbiliti fl-Anness VIIa. Dik id-deċiżjoni għandha tiġi riveduta fl-2021 biex jiġi stabbilit it-tqassim tar-riżorsi addizzjonali għal-2022 abbażi tad-data disponibbli sad-19 ta' Ottubru 2021.</p>	<p>Il-Kummissjoni għandha tadotta deċiżjoni, permezz ta' atti ta' implimentazzjoni, li tistabbilixxi t-tqassim tar-riżorsi addizzjonali bħala approprjazzjonijiet mill-Fondi Strutturali għall-2020 u l-2021 għal kull Stat Membru skont il-kriterji u l-metodoloġija stabbiliti fl-Anness VIIa. Dik id-deċiżjoni għandha tiġi riveduta fl-2021 biex jiġi stabbilit it-tqassim tar-riżorsi addizzjonali għal-2022 abbażi tad-data disponibbli sad-19 ta' Ottubru 2021. <b>Fejn applikabbli, din għandha tiġi riveduta wkoll fl-2022 fir-rigward tal-impenni baġitarji fl-2023 u l-2024. Ir-reviżjonijiet għandhom jiżguraw li l-programmi operazzjonali ma jiġux affettwati b'mod negattiv.</b></p>

### Raġuni

L-awtoritajiet maniġerjali se jkollhom bżonn aktar żmien u flessibilità biex jimplimentaw programm ġdid ta' dan id-daqs.

**Emenda 14**

COM (2020) 451 final — Parti 1

Emenda l-Artikolu 1, paragrafu 1, punt 2

Regolament (UE) Nru 1303/2013

Artikolu 92b, paragrafu 5

Test propost mill-Kummissjoni	Emenda tal-KtR
<p>B'deroga mill-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 76, l-impenji baġitarji għar-riżorsi addizzjonali fir-rigward ta' kull programm operattiv ikkonċernat għandu jsir għal kull Fond għas-snin 2020, 2021 u 2022.</p>	<p>B'deroga mill-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 76, l-impenji baġitarji għar-riżorsi addizzjonali fir-rigward ta' kull programm operattiv ikkonċernat għandu jsir għal kull Fond għas-snin 2020, 2021 u 2022.</p>
<p>L-impenn legali li ssir referenza għalih fit-tieni subparagrafu tal-Artikolu 76 għas-snin 2021 u 2022 għandu jidħol fis-seħħ mid-data li ssir referenza għaliha fl-Artikolu 4(3) ta' [ir-Regolament ERI].</p>	<p>L-impenn legali li ssir referenza għalih fit-tieni subparagrafu tal-Artikolu 76 għas-snin 2021 u 2022 għandu jidħol fis-seħħ mid-data li ssir referenza għaliha fl-Artikolu 4(3) ta' [ir-Regolament ERI].</p>
<p>It-tielet u r-raba' subparagrafu tal-Artikolu 76 ma għandux japplika fir-rigward tar-riżorsi addizzjonali.</p>	<p>It-tielet u r-raba' subparagrafu tal-Artikolu 76 ma għandux japplika fir-rigward tar-riżorsi addizzjonali.</p>
<p>B'deroga mill-Artikolu 14(3) tar-Regolament Finanzjarju, ir-regoli ta' diżimpenn stabbiliti fil-Kapitolu IV tat-Titolu IX tal-Parti II u fl-Artikolu 136 għandhom japplikaw għal-l-impenji baġitarji abbażi tar-riżorsi addizzjonali li ssir referenza għalihom fl-Artikolu 92a. B'deroga mill-Artikolu 12(4) tar-Regolament Finanzjarju, ir-riżorsi addizzjonali ma għandhomx jintużaw għal xi programm jew azzjoni segwenti.</p>	<p>B'deroga mill-Artikolu 14(3) tar-Regolament Finanzjarju, ir-regoli ta' diżimpenn stabbiliti fil-Kapitolu IV tat-Titolu IX tal-Parti II u fl-Artikolu 136 għandhom japplikaw għal-l-impenji baġitarji abbażi tar-riżorsi addizzjonali li ssir referenza għalihom fl-Artikolu 92a. B'deroga mill-Artikolu 12(4) tar-Regolament Finanzjarju, ir-riżorsi addizzjonali ma għandhomx jintużaw għal xi programm jew azzjoni segwenti.</p>
<p>B'deroga mill-Artikoli 86(2) u 136(1), l-impenji ta' riżorsi addizzjonali għandhom jiġu diżimpenjati skont ir-regoli li għandhom jiġu segwiti għall-għeluq tal-programmi.</p>	<p>B'deroga mill-Artikoli 86(2) u 136(1), l-impenji ta' riżorsi addizzjonali għandhom jiġu diżimpenjati skont ir-regoli li għandhom jiġu segwiti għall-għeluq tal-programmi.</p>
<p>Kull Stat Membri għandu jalloka r-riżorsi addizzjonali disponibbli għall-ipprogrammar taħt il-FEŻR u l-FSE għall-programmi operattivi.</p>	<p>Kull Stat Membri għandu jalloka r-riżorsi addizzjonali disponibbli għall-ipprogrammar taħt il-FEŻR u l-FSE għall-programmi operattivi.</p>
<p>B'deroga mill-Artikolu 92(7), jista' jiġi wkoll propost li sehem mir-riżorsi addizzjonali jintuża biex jiżdied l-appoġġ għall-Fond għal Għajnuna Ewropea għall-Persuni l-Aktar fil-Bżonn ("FEAD") qabel l-allokazzjoni lill-FEŻR u l-FSE, jew fl-istess mument tagħha.</p>	<p>B'deroga mill-Artikolu 92(7), jista' jiġi wkoll propost li sehem mir-riżorsi addizzjonali jintuża biex jiżdied l-appoġġ għall-Fond għal Għajnuna Ewropea għall-Persuni l-Aktar fil-Bżonn ("FEAD") <b>u l-<i>Inizjattiva favur l-Impjeg taż-Żgħażaġħ</i></b> qabel l-allokazzjoni lill-FEŻR u l-FSE, jew fl-istess mument tagħha.</p>
<p>Wara l-allokazzjoni inizjali tagħhom, ir-riżorsi addizzjonali jistgħu, fuq talba ta' xi Stat Membru għal emenda ta' xi programm operattiv skont l-Artikolu 30(1), jiġu trasferiti bejn il-FEŻR u l-FSE, irrISPETTIVAMENT mill-perċentwali li ssir referenza għalihom fil-punti (a), (b) u (c) tal-Artikolu 92(1).</p>	<p>Wara l-allokazzjoni inizjali tagħhom, ir-riżorsi addizzjonali jistgħu, fuq talba ta' xi Stat Membru għal emenda ta' xi programm operattiv skont l-Artikolu 30(1), jiġu trasferiti bejn il-FEŻR u l-FSE, irrISPETTIVAMENT mill-perċentwali li ssir referenza għalihom fil-punti (a), (b) u (c) tal-Artikolu 92(1).</p>

Test proposit mill-Kummissjoni	Emenda tal-KtR
L-Artikolu 30(5) ma għandux ikun applikabbli għar-riżorsi addizzjonali. Dawn ir-riżorsi għandhom jiġu esklużi mill-bażi tal-kalkolu għall-fini tal-limiti massimi stabbiliti f'dak il-paragrafu.	L-Artikolu 30(5) ma għandux ikun applikabbli għar-riżorsi addizzjonali. Dawn ir-riżorsi għandhom jiġu esklużi mill-bażi tal-kalkolu għall-fini tal-limiti massimi stabbiliti f'dak il-paragrafu.
Għall-fini tal-applikazzjoni tal-punt (f) tal-Artikolu 30(1) tar-Regolament Finanzjarju, il-kundizzjoni li l-appropriazzjonijiet ikunu għall-istess objettiv ma għandhiex tapplika għar-rigward ta' dawn it-trasferimenti. It-trasferimenti jistgħu japplikaw biss għas-sena li tkun għaddejja jew għal snin fil-futur fil-pjan finanzjarju.	Għall-fini tal-applikazzjoni tal-punt (f) tal-Artikolu 30(1) tar-Regolament Finanzjarju, il-kundizzjoni li l-appropriazzjonijiet ikunu għall-istess objettiv ma għandhiex tapplika għar-rigward ta' dawn it-trasferimenti. It-trasferimenti jistgħu japplikaw biss għas-sena li tkun għaddejja jew għal snin fil-futur fil-pjan finanzjarju.
Ir-rekwiżiti stabbiliti fl-Artikolu 92(4) ma għandhomx japplikaw għall-allokazzjoni inizjali jew għat-trasferimenti sussegwenti tagħhom.	Ir-rekwiżiti stabbiliti fl-Artikolu 92(4) ma għandhomx japplikaw għall-allokazzjoni inizjali jew għat-trasferimenti sussegwenti tagħhom.
L-ammonti allokati lill-Inizjattiva favur l-Impjiegi taż-Żgħażaġħ skont l-Artikolu 92(5) skont il-mira tal-Investment għat-tkabbir u l-impjiegi ma għandhomx ikunu affettwati.	L-ammonti allokati lill-Inizjattiva favur l-Impjiegi taż-Żgħażaġħ skont l-Artikolu 92(5) skont il-mira tal-Investment għat-tkabbir u l-impjiegi ma għandhomx ikunu affettwati.
Ir-riżorsi addizzjonali għandhom ikunu implimentati skont ir-regoli tal-Fond li lilhom ikunu allokati jew trasferiti.	Ir-riżorsi addizzjonali għandhom ikunu implimentati skont ir-regoli tal-Fond li lilhom ikunu allokati jew trasferiti.

### Emenda 15

COM (2020) 451 final — Parti 1

Emenda l-Artikolu 1, paragrafu 1, punt 2

Regolament (UE) Nru 1303/2013

Artikolu 92b, paragrafu 5, subparagrafu 6

Test proposit mill-Kummissjoni	Emenda tal-KtR
Kull Stat Membri għandu jalloka r-riżorsi addizzjonali disponibbli għall-ipprogrammar taħt il-FEŻR u l-FSE għall-programmi operattivi.	Kull Stat Membri għandu jalloka, <b>skont il-prinċipji ta' Sħubija u governanza f'diversi livelli skont l-Artikolu 5</b> , ir-riżorsi addizzjonali disponibbli għall-ipprogrammar skont l-FEŻR u l-FSE għall-programmi operattivi.

### Raġuni

L-awtoritajiet regionali u lokali kif ukoll partijiet interessati rilevanti oħra għandu jkollhom rwol attiv fit-tehdid tad-deċiżjonijiet dwar l-allokazzjoni ta' riżorsi addizzjonali.

**Emenda 16**

COM (2020) 451 final — Parti 1

Emenda l-Artikolu 1, paragrafu 1, punt 2

Regolament (UE) Nru 1303/2013

Artikolu 92b, paragrafu 7, subparagrafu 2 u 3

Test propost mill-Kummissjoni	Emenda tal-KtR
<p>Għall-fini tal-applikazzjoni tal-Artikolu 134(2) għall-prefinanzjament annwali fis-snin 2021, 2022 <b>u</b> 2023, l-ammont tal-appoġġ mill-Fondi għall-perjodu ta' pprogrammar kollu kemm hu lill-programm operattiv għandu jinkludi r-riżorsi addizzjonali.</p> <p>L-ammont imħallas bħala prefinanzjament inizjali addizzjonali kif issir referenza għalih fl-ewwel subparagrafu għandu jiġi saldat għal kollox mill-kontijiet tal-Kummissjoni mhux aktar tard minn meta jingħalaq il-programm operattiv.</p>	<p>Għall-fini tal-applikazzjoni tal-Artikolu 134(2) għall-prefinanzjament annwali fis-snin 2021, 2022, 2023 <b>u 2024</b>, l-ammont tal-appoġġ mill-Fondi għall-perjodu ta' pprogrammar kollu kemm hu lill-programm operattiv għandu jinkludi r-riżorsi addizzjonali.</p> <p>L-ammont imħallas bħala prefinanzjament inizjali addizzjonali kif issir referenza għalih fl-ewwel subparagrafu għandu jiġi saldat għal kollox mill-kontijiet tal-Kummissjoni mhux aktar tard minn meta jingħalaq il-programm operattiv.</p>

**Raġuni**

L-awtoritajiet maniġerjali se jkollhom bżonn aktar żmien u flessibilità biex jimplimentaw programm ġdid ta' dan id-daqs. Għalhekk qed jiġi ssuġġerit li jinżamm it-test tal-proposta tal-Kummissjoni, li huwa konformi mar-rapport tal-kumitat REGI adottat fil-Parlament Ewropew.

**Rakkomandazzjoni sabiex titressaq Emenda 17**

COM (2020) 451 final — Parti 1

Emenda l-Artikolu 1, paragrafu 1, punt 2

Regolament (UE) Nru 1303/2013

Artikolu 92b, paragrafu 8

Test propost mill-Kummissjoni	Emenda tal-KtR
<p>Ir-riżorsi addizzjonali mhux allokati għal assistenza teknika għandhom jintużaw skont l-oġettiv tematiku imfisser fil-paragrafu 10 għall-appoġġ ta' operazzjonijiet li jrawmu t-teħid ta' miżuri li jsewwu d-dannu kkawżat mill-kriżi fil-kuntest tal-pandemija COVID-19 jew it-tħejjija ta' rkupru ekoloġiku, diġitali u reżiljenti tal-ekonomija.</p> <p>L-Istati Membri jistgħu jallokaw ir-riżorsi addizzjonali lil xi ass prijoritarju, wieħed jew ħafna, fi ħdan programm jew programmi operattiv(i) jew lil xi programm operattiv ġdid li ssir referenza għalih fil-paragrafu 11. B'deroga mill-Artikolu 26(1), il-programm għandu jkopri l-perjodu sal-31 ta' Diċembru 2022, suġġett għall-paragrafu 4 <b>hawn fuq</b>.</p>	<p>Ir-riżorsi addizzjonali mhux allokati għal assistenza teknika għandhom jintużaw skont l-oġettiv tematiku imfisser fil-paragrafu 10 għall-appoġġ ta' operazzjonijiet li jrawmu t-teħid ta' miżuri li jsewwu d-dannu kkawżat mill-kriżi fil-kuntest tal-pandemija COVID-19 jew it-tħejjija ta' rkupru ekoloġiku, diġitali u reżiljenti tal-ekonomija.</p> <p>L-Istati Membri jistgħu jallokaw ir-riżorsi addizzjonali lil xi ass prijoritarju, wieħed jew ħafna, fi ħdan programm jew programmi operattiv(i) jew lil xi programm operattiv ġdid li ssir referenza għalih fil-paragrafu 11. B'deroga mill-Artikolu 26(1), il-programm għandu jkopri l-perjodu sal-31 ta' Diċembru 2022, <b>jew sal-31 ta' Diċembru 2024 fejn tapplika d-deroga msemmija fil-paragrafu 2</b>, suġġett għall-paragrafu 4 <b>ta' dan l-Artikolu</b>.</p>

Test propost mill-Kummissjoni	Emenda tal-KtR
<p>Fil-każ tal-FEŻR, ir-riżorsi addizzjonali għandhom primarjament jintużaw fl-appoġġ għall-investment fi prodotti u servizzi għal servizzi tas-saħħa, biex jingħata appoġġ fil-forma ta' kapital ta' ħidma jew appoġġ għall-investment lill-SMEs, investimenti li jikkontribwixxu għat-tranżizzjoni lejn ekonomija diġitali u ekoloġika, investimenti fl-infrastruttura li jipprovdu servizzi bażiċi liċ-ċittadini, u miżuri ekonomiċi fir-reġjuni li huma l-aktar dipendenti fuq is-settur l-aktar affettwati mill-kriżi.</p>	<p>Fil-każ tal-FEŻR, ir-riżorsi addizzjonali għandhom primarjament jintużaw fl-appoġġ għall-investment fi prodotti u servizzi għal servizzi tas-saħħa, biex jingħata appoġġ fil-forma ta' kapital ta' ħidma jew appoġġ għall-investment lill-SMEs, investimenti li jikkontribwixxu għat-tranżizzjoni lejn ekonomija diġitali u ekoloġika, investimenti fl-infrastruttura li jipprovdu servizzi bażiċi liċ-ċittadini, u miżuri ekonomiċi fir-reġjuni li huma l-aktar dipendenti fuq is-settur l-aktar affettwati mill-kriżi.</p>
<p>Fil-każ ta' FSE, ir-riżorsi addizzjonali għandhom primarjament jintużaw biex jingħata appoġġ liż-żamma tal-impjiegi, inkluż permezz ta' skemi ta' xogħol b'ħinijiet iqsar u appoġġ lil dawk li jaħdmu għal rashom, anki meta dak l-appoġġ ma jkunx ikkombinat ma' miżuri attivi fis-suq tax-xogħol, sakemm dawn tal-aħħar ma jkunux impost bil-liġi nazzjonali. Ir-riżorsi addizzjonali għandhom ukoll ikunu ta' appoġġ għall-ħolqien tal-impjiegi, b'mod partikolari għal nies f'sitwazzjonijiet vulnerabbli, miżuri ta' impjiegi għaż-żgħażagħ, l-edukazzjoni u t-taħriġ, l-iżvilupp tal-ħiliet, b'mod partikolari b'appoġġ għat-tranżizzjonijiet marbuta ma' xulxin, dik ekoloġika u dik diġitali, u biex jitjieb l-aċċess għas-servizzi soċjali ta' interess ġenerali, inkluż għat-tfal.</p>	<p>Fil-każ ta' FSE, ir-riżorsi addizzjonali għandhom primarjament jintużaw biex jingħata appoġġ liż-żamma tal-impjiegi, inkluż permezz ta' skemi ta' xogħol b'ħinijiet iqsar u appoġġ lil dawk li jaħdmu għal rashom, anki meta dak l-appoġġ ma jkunx ikkombinat ma' miżuri attivi fis-suq tax-xogħol, sakemm dawn tal-aħħar ma jkunux impost bil-liġi nazzjonali. Ir-riżorsi addizzjonali għandhom ukoll ikunu ta' appoġġ għall-ħolqien tal-impjiegi, b'mod partikolari għal nies f'sitwazzjonijiet vulnerabbli, miżuri ta' impjiegi għaż-żgħażagħ, l-edukazzjoni u t-taħriġ, l-iżvilupp tal-ħiliet, b'mod partikolari b'appoġġ għat-tranżizzjonijiet marbuta ma' xulxin, dik ekoloġika u dik diġitali, u biex jitjieb l-aċċess għas-servizzi soċjali ta' interess ġenerali, inkluż għat-tfal.</p>

### Raġuni

L-awtoritajiet maniġerjali se jkollhom bżonn aktar żmien u flessibilità biex jimplimentaw programm ġdid ta' dan id-daqs.

### Emenda 18

COM (2020) 451 final — Parti 1

Emenda l-Artikolu 1, paragrafu 1, punt 2

Regolament (UE) Nru 1303/2013

Artikolu 92b, paragrafu 9

Test propost mill-Kummissjoni	Emenda tal-KtR
<p>Bl-eċċezzjoni tal-assistenza teknika li ssir referenza għaliha fil-paragrafu 6 u tar-riżorsi addizzjonali użati għall-FEAD li ssir referenza għalihom fis-seba' subparagrafu tal-paragrafu 5, ir-riżorsi addizzjonali għandhom isostnu operazzjonijiet skont l-oġettiv tematiku l-ġdid "Trawwim ta' miżuri li jsewwu d-dannu kkawżat mill-kriżi fil-kuntest tal-pandemija tal-COVID-19 u t-tħejjija ta' rkupru ekoloġiku, diġitali u reżiljenti tal-ekonomija", li jikkumplementa l-oġettivi tematiċi stabbiliti fl-Artikolu 9.</p>	<p>Bl-eċċezzjoni tal-assistenza teknika li ssir referenza għaliha fil-paragrafu 6 u tar-riżorsi addizzjonali użati għall-FEAD <b>jew għall-Inizjattiva favur l-Impjeg taż-Żgħażagħ</b> li ssir referenza għalihom fis-seba' subparagrafu tal-paragrafu 5, ir-riżorsi addizzjonali għandhom isostnu operazzjonijiet skont l-oġettiv tematiku l-ġdid "Trawwim ta' miżuri li jsewwu d-dannu kkawżat mill-kriżi fil-kuntest tal-pandemija tal-COVID-19 u t-tħejjija ta' rkupru ekoloġiku, diġitali u reżiljenti tal-ekonomija", li jikkumplementa l-oġettivi tematiċi stabbiliti fl-Artikolu 9.</p>

Test propost mill-Kummissjoni	Emenda tal-KtR
<p>L-objettiv tematiku li ssir referenza għalih fl-ewwel subparagrafu għandu jkun disponibbli b'mod esklussiv għall-ipprogrammar tar-riżorsi addizzjonali. B'deroga mill-punti (b), (c) u (d) tal-Artikolu 96(1), ma għandux ikun ikkombinat ma' xi prijoritajiet oħra ta' investiment.</p> <p>L-objettiv tematiku li ssir referenza għalih fl-ewwel subparagrafu għandu wkoll jikkostitwixxi l-prijorità ta' investiment unika għall-ipprogrammar u l-implimentazzjoni tar-riżorsi addizzjonali mill-FEŻR u l-FSE.</p> <p>Fejn ass wieħed prijoritarju jew aktar ikunu stabbilit li jikkorrispondu għall-objettiv tematiku li ssir referenza għalih fl-ewwel subparagrafu fi ħdan programm operattiv eżistenti, l-elementi elenkati fil-punti (b)(v) u (vii) tal-Artikolu 96(2) ma għandhomx ikunu meħtieġa għad-deskrizzjoni tal-assi prijoritajiet fil-programm operattiv rivedut.</p> <p>Il-pjan ta' finanzjament rivedut stabbilit fl-Artikolu 96(2) (d) għandu jstabbilixxi l-allokazzjoni tar-riżorsi addizzjonali għas-snin 2020, 2021 u, fejn applikabbli, għall-2022, mingħajr ma jiġu identifikati l-ammonti għar-riżerva ta' prestazzjoni u mingħajr tqassim skont il-kategorija tar-reġ- juni.</p> <p>B'deroga mill-Artikolu 30(1), it-talbiet għall-emenda ta' xi programm ippreżentat minn xi Stat Membru għandhom jiġu debitament iġġustifikati u b'mod partikolari jstabbilixxu l-impatt mistenni tal-bidliet fuq il-programm dwar it-trawwim ta' miżuri li jsewwu d-dannu kkaġunat mill-kriżi fil-kuntest tal-pandemija tal-COVID-19 u fit-thejġija ta' rkupru ekoloġiku, diġitali u reżiljenti tal-ekonomija. Għandhom ikunu akkumpanjati mill-programm rivedut.</p>	<p>L-objettiv tematiku li ssir referenza għalih fl-ewwel subparagrafu għandu jkun disponibbli b'mod esklussiv għall-ipprogrammar tar-riżorsi addizzjonali. B'deroga mill-punti (b), (c) u (d) tal-Artikolu 96(1), ma għandux ikun ikkombinat ma' xi prijoritajiet oħra ta' investiment.</p> <p>L-objettiv tematiku li ssir referenza għalih fl-ewwel subparagrafu għandu wkoll jikkostitwixxi l-prijorità ta' investiment unika għall-ipprogrammar u l-implimentazzjoni tar-riżorsi addizzjonali mill-FEŻR u l-FSE.</p> <p>Fejn ass wieħed prijoritarju jew aktar ikunu stabbilit li jikkorrispondu għall-objettiv tematiku li ssir referenza għalih fl-ewwel subparagrafu fi ħdan programm operattiv eżistenti, l-elementi elenkati fil-punti (b)(v) u (vii) tal-Artikolu 96(2) ma għandhomx ikunu meħtieġa għad-deskrizzjoni tal-assi prijoritajiet fil-programm operattiv rivedut.</p> <p>Il-pjan ta' finanzjament rivedut stabbilit fl-Artikolu 96(2) (d) għandu jstabbilixxi l-allokazzjoni tar-riżorsi addizzjonali għas-snin 2020, 2021 u, fejn applikabbli, għall-2022, mingħajr ma jiġu identifikati l-ammonti għar-riżerva ta' prestazzjoni u mingħajr tqassim skont il-kategorija tar-reġ- juni.</p> <p>B'deroga mill-Artikolu 30(1), it-talbiet għall-emenda ta' xi programm ippreżentat minn xi Stat Membru għandhom jiġu debitament iġġustifikati u b'mod partikolari jstabbilixxu l-impatt mistenni tal-bidliet fuq il-programm dwar it-trawwim ta' miżuri li jsewwu d-dannu kkaġunat mill-kriżi fil-kuntest tal-pandemija tal-COVID-19 u fit-thejġija ta' rkupru ekoloġiku, diġitali u reżiljenti tal-ekonomija. Għandhom ikunu akkumpanjati mill-programm rivedut.</p>

### Emenda 19

COM (2020) 451 final — Parti 1

Emenda l-Artikolu 1, paragrafu 1, punt 2

Regolament (UE) Nru 1303/2013

Artikolu 92b, paragrafu 10, subparagrafu ġdid wara s-subparagrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni	Emenda tal-KtR
	<p><b>B'deroga mill-Artikolu 29(3) u (4) u l-Artikolu 30(2), il-Kummissjoni għandha tapprova kwalunkwe emenda għal programm operattiv eżistenti jew kwalunkwe programm operattiv iddedikat ġdid mhux aktar tard minn għaxart ijiem ta' xogħol mill-preżentazzjoni tiegħu minn Stat Membru.</b></p>

**Raġuni**

Programmi operattivi riveduti jew ġodda għandhom jiġu approvati mill-aktar fis possibbli fil-kuntest tal-oġġettivi ta' REACT-EU.

**Emenda 20**

COM (2020) 451 final — Parti 1

Emenda l-Artikolu 1, paragrafu 1, punt 2

Regolament (UE) Nru 1303/2013

Artikolu 92b, paragrafu 11, subparagrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	Emenda tal-KtR
B'deroga mill-Artikolu 56(3) u 114(2), l-Istati Membri għandhom jaraw li sal-31 ta' Diċembru 2024 <b>ssir</b> mill-anqas evalwazzjoni waħda dwar l-użu tar-riżorsi addizzjonali biex issir evalwazzjoni tal-effettività, l-effiċjenza u l-impatt tagħhom u kif huma kkontribwew għall-oġġettiv tematiku li ssir referenza għalih fil-paragrafu 10 ta' dan l-Artikolu.	B'deroga mill-Artikolu 56(3) u 114(2), l-Istati Membri għandhom jaraw li sal-31 ta' Diċembru 2024, <b>jew sal-31 ta' Diċembru 2026 fejn tapplika d-deroga msemmija fis-subparagrafu 3 tal-paragrafu 2 ta' dan l-Artikolu, issir</b> mill-anqas evalwazzjoni waħda dwar l-użu tar-riżorsi addizzjonali biex issir evalwazzjoni tal-effettività, l-effiċjenza u l-impatt tagħhom u kif huma kkontribwew għall-oġġettiv tematiku li ssir referenza għalih fil-paragrafu 10 ta' dan l-Artikolu.

**Raġuni**

L-awtoritajiet maniġerjali se jkollhom bżonn aktar żmien u flessibilità biex jimplementaw programm ġdid ta' dan id-daqs. Għalhekk huwa suġġerit li tinżamm il-proposta tal-Kummissjoni fir-rigward tar-regola ta' diżimpenn u l-estensjoni sal-2024, li hija konformi mar-rapport REGI adottat fil-Parlament Ewropew.

**Emenda 21**

COM (2020) 451 final — Parti 2

Regolament (UE) Nru 1303/2013

Anness, paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	Emenda tal-KtR
Ir-regoli deskritti fil-paragrafu 1 ma għandhomx jirriżultaw f'allokazzjonijiet għal kull Stat Membru għall-perjodu sħiħ bejn l-2020 sal- <b>2022</b> li jkunu oġhla minn	Ir-regoli deskritti fil-paragrafu 1 ma għandhomx jirriżultaw f'allokazzjonijiet għal kull Stat Membru għall-perjodu sħiħ bejn l-2020 sal- <b>2024</b> li jkunu oġhla minn
(a) dawk għall-Istati Membri li l-ING per capita tagħhom (f'PPS) għall-perjodu 2015-2017 jkun 'il fuq mill-109 % tal-medja tal-UE-27: 0,07 % tal-PDG reali tagħhom tal-2019;	(a) dawk għall-Istati Membri li l-ING per capita tagħhom (f'PPS) għall-perjodu 2015-2017 jkun 'il fuq mill-109 % tal-medja tal-UE-27: 0,07 % tal-PDG reali tagħhom tal-2019;

Test propost mill-Kummissjoni	Emenda tal-KtR
<p>(b) għall-Istati Membri li l-medja tal-ING per capita tagħhom (fPPS) għall-perjodu 2015-2017 tkun ugwali jew 'l isfel mid-90 % tal-medja tal-UE-27: 2,60 % tal-PDG reali tagħhom tal-2019;</p> <p>(c) għal Stati Membri li l-medja tal-ING per capita tagħhom (fPPS) għall-perjodu 2015-2017 tkun 'il fuq mid-90 % u ugwali għal jew 'l isfel mill-109 % tal-medja tal-UE-27: il-perċentwali miksub permezz ta' interpolazzjoni lineari bejn iż-0,07 % u t-2,60 % tal-PDG reali tagħhom tal-2019 li jwassal għal tnaqqis proporzjonali tal-perċentwali tal-limitu skont iż-żieda fil-prosperità.</p> <p>L-ammonti li jeċċedu l-livell stipulat fil-punti minn a) sa c) għal kull Stat Membru jkunu ridistribwiti proporzjonalment lill-allokazzjonijiet tal-Istati Membri l-oħra kollha li l-medja tal-ING per capita tagħhom (fPPS) tkun inqas minn 100 % tal-medja tal-UE-27. L-ING per capita (fPPS) għall-perjodu 2015-2017 huwa dak użat għall-politika ta' koeżjoni fn-negozjati dwar il-QFP 2021-2027.</p>	<p>(b) għall-Istati Membri li l-medja tal-ING per capita tagħhom (fPPS) għall-perjodu 2015-2017 tkun ugwali jew 'l isfel mid-90 % tal-medja tal-UE-27: 2,60 % tal-PDG reali tagħhom tal-2019;</p> <p>(c) għal Stati Membri li l-medja tal-ING per capita tagħhom (fPPS) għall-perjodu 2015-2017 tkun 'il fuq mid-90 % u ugwali għal jew 'l isfel mill-109 % tal-medja tal-UE-27: il-perċentwali miksub permezz ta' interpolazzjoni lineari bejn iż-0,07 % u t-2,60 % tal-PDG reali tagħhom tal-2019 li jwassal għal tnaqqis proporzjonali tal-perċentwali tal-limitu skont iż-żieda fil-prosperità.</p> <p>L-ammonti li jeċċedu l-livell stipulat fil-punti minn a) sa c) għal kull Stat Membru jkunu ridistribwiti proporzjonalment lill-allokazzjonijiet tal-Istati Membri l-oħra kollha li l-medja tal-ING per capita tagħhom (fPPS) tkun inqas minn 100 % tal-medja tal-UE-27. L-ING per capita (fPPS) għall-perjodu 2015-2017 huwa dak użat għall-politika ta' koeżjoni fn-negozjati dwar il-QFP 2021-2027.</p>

### Raġuni

L-awtoritajiet maniġerjali se jkollhom bżonn aktar żmien u flessibilità biex jimplementaw programm ġdid ta' dan id-daqs.

### Emenda 22

COM (2020) 451 final — Parti 2

Regolament (UE) Nru 1303/2013

Anness, paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	Emenda tal-KtR
<p>Għall-finijiet biex tkun ikkalkulata d-distribuzzjoni tar-riżorsi addizzjonali eċċezjonali għas-snin l-2020 u l-2021:</p> <p>(a) Għall-PDG, il-perjodu ta' referenza għandu jkun: l-ewwel semestru tal-2020;</p> <p>(b) Għan-numru ta' nies bla xogħol u n-numru ta' żgħażagħ bla xogħol, il-perjodu ta' referenza għandu jkun: il-medja minn Ġunju sa Awwissu 2020.</p> <p>(c) L-allokazzjoni massima li tirriżulta mill-applikazzjoni tal-paragrafu 2 tkun multiplikata bis-sehem tar-riżorsi addizzjonali għas-snin l-2020 u l-2021 fit-total tar-riżorsi addizzjonali għas-snin l-2020, l-2021 u l-2022.</p>	<p>Għall-finijiet biex tkun ikkalkulata d-distribuzzjoni tar-riżorsi addizzjonali eċċezjonali għas-snin l-2020 u l-2021:</p> <p>(a) Għall-PDG, il-perjodu ta' referenza għandu jkun: l-ewwel semestru tal-2020;</p> <p>(b) Għan-numru ta' nies bla xogħol u n-numru ta' żgħażagħ bla xogħol, il-perjodu ta' referenza għandu jkun: il-medja minn Ġunju sa Awwissu 2020.</p> <p>(c) L-allokazzjoni massima li tirriżulta mill-applikazzjoni tal-paragrafu 2 tkun multiplikata bis-sehem tar-riżorsi addizzjonali għas-snin l-2020 u l-2021 fit-total tar-riżorsi addizzjonali għas-snin l-2020, l-2021, l-2022 <b>u fejn applikabli l-2023 u l-2024.</b></p>



Test propost mill-Kummissjoni	Emenda tal-KtR
<p>Qabel ma jkun applikat il-metodu deskritt fil-paragrafi 1 u 2 fir-rigward ir-riżorsi addizzjonali għas-sena l-2020, ammont li jikkorrispondi għal intensità ta' għajjnuna ta' EUR 30 għal kull abitant ikun allokat mill-allokazzjoni lir-reġjuni ultraperiferiċi ta' livell 2 tan-NUTS. Din l-allokazzjoni titqassam skont ir-reġjun u l-Istat Membru b'mod proporzjonali għat-total tal-popolazzjoni ta' dawn ir-reġjuni. L-ammont li jibqa' għas-sena l-2020 jitqassam fost l-Istati Membri skont il-metodu deskritt fil-paragrafi 1 u 2.</p>	<p>Qabel ma jkun applikat il-metodu deskritt fil-paragrafi 1 u 2 fir-rigward ir-riżorsi addizzjonali għas-sena l-2020, ammont li jikkorrispondi għal intensità ta' għajjnuna ta' EUR 30 għal kull abitant ikun allokat mill-allokazzjoni lir-reġjuni ultraperiferiċi ta' livell 2 tan-NUTS. Din l-allokazzjoni titqassam skont ir-reġjun u l-Istat Membru b'mod proporzjonali għat-total tal-popolazzjoni ta' dawn ir-reġjuni. L-ammont li jibqa' għas-sena l-2020 jitqassam fost l-Istati Membri skont il-metodu deskritt fil-paragrafi 1 u 2.</p>

### Raġuni

L-awtoritajiet maniġerjali se jkollhom b'zonn aktar żmien u flessibilità biex jimplimentaw programm ġdid ta' dan id-daqs.

### Emenda 23

COM (2020) 451 final — Parti 2

Regolament (UE) Nru 1303/2013

Anness, paragrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni Ewropea	Emenda tal-KtR
<p>Għall-finijiet li tkun ikkalkulata d-distribuzzjoni tar-riżorsi addizzjonali eċċezzjonali għas-sena l-2022:</p> <p>(a) Għall-PDG, il-perjodu ta' referenza għandu jkun: l-ewwel semestru tal-2021;</p> <p>(b) Għan-numru ta' nies bla xogħol u n-numru ta' zgħażaġh bla xogħol, il-perjodu ta' referenza għandu jkun: il-medja minn Ġunju sa Awwissu 2021.</p> <p>(c) L-allokazzjoni massima li tirriżulta mill-applikazzjoni tal-paragrafu 2 tkun multiplikata bis-sehem tar-riżorsi addizzjonali għas-sena l-2022 fit-total tar-riżorsi addizzjonali għas-snin l-2020, l-2021 u l-2022”.</p>	<p>Għall-finijiet li tkun ikkalkulata d-distribuzzjoni tar-riżorsi addizzjonali eċċezzjonali għas-snin l-2022 <b>u fejn applikabbli l-2023 u l-2024:</b></p> <p>(a) Għall-PDG, il-perjodu ta' referenza għandu jkun: l-ewwel semestru tal-2021;</p> <p>(b) Għan-numru ta' nies bla xogħol u n-numru ta' zgħażaġh bla xogħol, il-perjodu ta' referenza għandu jkun: il-medja minn Ġunju sa Awwissu 2021.</p> <p>(c) L-allokazzjoni massima li tirriżulta mill-applikazzjoni tal-paragrafu 2 tkun multiplikata bis-sehem tar-riżorsi addizzjonali għas-sena l-2022 fit-total tar-riżorsi addizzjonali għas-snin l-2020, l-2021, l-2022, <b>l-2023 u l-2024”.</b></p>

### Raġuni

L-awtoritajiet maniġerjali se jkollhom b'zonn aktar żmien u flessibilità biex jimplimentaw programm ġdid ta' dan id-daqs.

Proposta emendata għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistipula dispożizzjonijiet komuni dwar il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, il-Fond Soċjali Ewropew Plus, il-Fond ta' Koeżjoni, il-Fond għal Tranżizzjoni Ġusta u l-Fond Ewropew għall-Affarijiet Marittimi u s-Sajd u r-regoli finanzjarji għalihom u għall-Fond għall-Ażil u l-Migrazzjoni, il-Fond għas-Sigurtà Interna u l-Istrument għall-Ġestjoni tal-Fruntieri u tal-Viżi

COM(2020) 450 final

#### Emenda 24

COM(2020) 450 final

Emenda l-punt (1)

Test propost mill-Kummissjoni	Emenda tal-KtR
<p>tiddaħħal il-premessa li jmiss (15 a):</p> <p>“(15a) Biex tingħata l-flessibilità lill-Istati Membri biex jallokaw u jaġġustaw l-allokazzjoni tar-riżorsi finanzjarji f'konformità mal-ħtiġijiet speċifiċi tagħhom, huwa meħtieġ li jingħataw il-possibilità jitolbu trasferimenti limitati mill-Fondi lejn kwalunkwe strument ieħor taħt ġestjoni diretta jew indiretta jew fost il-Fondi fil-bidu tal-perjodu ta' programmar jew matul il-fażi ta' implimentazzjoni.”;</p>	<p>tiddaħħal il-premessa li jmiss (15 a):</p> <p>“(15a) Biex tingħata l-flessibilità lill-Istati Membri biex jallokaw u jaġġustaw l-allokazzjoni tar-riżorsi finanzjarji <b>b'rispons għall-effetti immedjati ta' kriżi maġġuri</b> u f'konformità mal-ħtiġijiet speċifiċi tagħhom, huwa meħtieġ li – <b>skont il-Kodiċi ta' Kondotta dwar is-Sħubija u l-Governanza f'Diversi Livelli</b> – jingħataw il-possibilità jitolbu trasferimenti <b>tematikament</b> limitati <b>u temporanji</b> mill-Fondi lejn kwalunkwe strument ieħor taħt ġestjoni diretta jew indiretta jew fost il-Fondi fil-bidu tal-perjodu ta' programmar jew matul il-fażi ta' implimentazzjoni.”</p>

#### Raġuni

Kwalunkwe allokazzjoni mill-ġdid ta' riżorsi mill-Fondi u/jew bejniethom għandha ssir b'rispons għal kriżi maġġuri u tikkonforma bis-sħiħ mal-prinċipji ta' sħubija u governanza f'diversi livelli.

#### Emenda 25

COM(2020) 450 final

Emenda l-punt (6)

Test propost mill-Kummissjoni	Emenda tal-KtR
<p>L-Artikolu 21 huwa emendat kif ġej:</p> <p>(a) il-paragrafu 1 jiġi sostitwit b'dan li ġej:</p> <p>“1. L-Istati Membri fil-Ftehim ta' Sħubija jew fit-talba għal emenda ta' programm <b>jistgħu jitolbu t</b>-trasferiment sa 5 % fit-total tal-allokazzjoni nazzjonali inizjali ta' kull Fond lejn kwalunkwe strument ieħor taħt ġestjoni diretta jew indiretta.</p>	<p>L-Artikolu 21 huwa emendat kif ġej:</p> <p>(a) il-paragrafu 1 jiġi sostitwit b'dan li ġej:</p> <p>“1. L-Istati Membri – <b>bi qbil mal-awtoritajiet ta' ġestjoni rispettivi tagħhom u f'konformità mal-Kodiċi ta' Kondotta dwar is-Sħubija u l-Governanza f'Diversi Livelli</b> – <b>jistgħu jitolbu, b'rispons għal kriżi maġġuri rikonoxxuta mill-Kunsill</b>, fil-Ftehim ta' Sħubija jew fit-talba għal emenda ta' programm, <b>it</b>-trasferiment sa 5 % fit-total tal-allokazzjoni nazzjonali inizjali ta' kull Fond lejn kwalunkwe strument ieħor taħt ġestjoni diretta jew indiretta <b>għal operazzjonijiet konformi mal-obiettivi tal-politika ta' koeżjoni biss</b>.</p>

Test proposit mill-Kummissjoni	Emenda tal-KtR
<p>L-Istati Membri, fil-Ftehim ta' Sħubija jew fit-talba għal emenda ta' programm, <b>jistgħu jitolbu t</b>-trasferiment sa 5 % fit-total tal-allokazzjoni nazzjonali inizjali ta' kull Fond lejn Fond jew Fondi oħra. L-Istati Membri jistgħu jitolbu trasferiment addizzjonali sa 5 % fit-total tal-allokazzjoni nazzjonali inizjali skont il-Fond bejn il-FEŻR, l-FSE+ jew il-Fond ta' Koeżjoni fil ħdan ir-riżorsi globali tal-Istati Membri taħt il-mira tal-Investment għat-tkabbir u l-impjiegi.”;</p>	<p>L-Istati Membri – <b>bi qbil mal-awtoritajiet ta' ġestjoni rispettivi tagħhom u f'konformità mal-Kodiċi ta' Kondotta dwar is-Sħubija u l-Governanza f'Diversi Livelli – jistgħu jitolbu wkoll, b'rispons għal kriżi maġġuri rikonoxxuta mill-Kunsill</b>, fil-Ftehim ta' Sħubija jew fit-talba għal emenda ta' programm, it-trasferiment sa 7 % fit-total tal-allokazzjoni nazzjonali inizjali ta' kull Fond lejn Fond jew Fondi oħra. L-Istati Membri jistgħu jitolbu trasferiment addizzjonali sa 7 % fit-total tal-allokazzjoni nazzjonali inizjali skont il-Fond bejn il-FEŻR, l-FSE+ jew il-Fond ta' Koeżjoni fil ħdan ir-riżorsi globali tal-Istati Membri taħt il-mira tal-Investment għat-tkabbir u l-impjiegi.”;</p>

### Raġuni

Minkejja l-konsegwenzi negattivi ta' kwalunkwe kriżi maġġuri, inkluża l-pandemija tal-COVID-19, l-Istati Membri m'għandhomx jiġu mħeġġa żżejjed biex jirtiraw ir-riżorsi mill-politika ta' koeżjoni. Min-naħa l-oħra, il-politika ta' koeżjoni għandha tkun aktar flessibbli sabiex tassorbi x-xokkijiet negattivi potenzjali bħall-pandemija attwali.

### Emenda 26

COM(2020) 450 final

Emenda l-punt (8), l-Artikolu 15a ġdid, is-subparagrafu l-ġdid (tal-aħħar)

Test proposit mill-Kummissjoni	Emenda tal-KtR
	<p><b>Il-miżuri msemija hawn fuq għandhom japplikaw fi żmien 24 xahar jew fejn applikabbli 48 xahar mid-deċiżjoni tal-Kunsill skont l-ewwel subparagrafu. Kwalunkwe estensjoni ta' dawn il-miżuri tirrikjedi deċiżjoni oħra tal-Kunsill li tirrikonoxxi kriżi maġġuri.</b></p>

### Raġuni

Il-miżuri straordinarji kollha meħuda b'rispons għaċ-ċirkostanzi eċċezzjonali għandhom ikunu limitati għal perjodu ta' żmien iddefinit b'mod ċar. Dawn il-miżuri għandhom jiġu estiżi biss mill-Kunsill jekk tippersisti kriżi maġġuri. L-awtoritajiet maniġerjali se jkollhom bżonn aktar żmien u flessibilità biex jimplimentaw programm ġdid ta' dan id-daqs.

Proposta emendata għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali u l-Fond ta' Koeżjoni

COM(2020) 452 final

### Emenda 27

COM(2020) 452 final

Emenda l-punt (2)

Test propost mill-Kummissjoni	Emenda tal-KtR
<p>tiddaħħal il-premessa li jmiss (10b):</p> <p>“(10b) Biex tissaħħaħ il-kapaċità tas-sistemi tas-saħħa pubblika biex jevitaw, jirreaġixxu malajr u jirkupraw minn emerġenzi tas-saħħa, il-FEŻR għandu wkoll jikkontribwixxi għar-reżiljenza tas-sistemi tas-saħħa. Barra minn hekk, minħabba li l-pandemija tal-COVID-19 mingħajr preċedent kixfet l-importanza tad-disponibilità immedjata ta' fornimenti kritiċi biex jingħata rispons effettiv f'sitwazzjoni ta' emerġenza, il-kamp ta' applikazzjoni tal-FEŻR għandu jitwessa' biex jippermetti għax-xiri ta' fornimenti neċessarji biex isaħħu r-reżiljenza f'diżastru u biex isaħħu r-reżiljenza tas-sistemi tas-saħħa. Meta jinxtraw il-fornimenti biex isaħħu r-reżiljenza tas-sistemi tas-saħħa, dawn għandhom ikunu konsistenti mal-<b>istrategġija</b> nazzjonali tas-saħħa u ma jmorrux 'lil hinn minnha u għandhom jiżguraw il-komplementarjetajiet mal-[Programm tas-Saħħa], kif ukoll il-kapaċitajiet tar-rescEU taħt il-Mekkaniżmu tal-Unjoni għall-Protezzjoni Ċivili (UCPM);”</p>	<p>tiddaħħal il-premessa li jmiss (10b):</p> <p>“(10b) Biex tissaħħaħ il-kapaċità tas-sistemi tas-saħħa pubblika biex jevitaw, jirreaġixxu malajr u jirkupraw minn emerġenzi tas-saħħa, il-FEŻR għandu wkoll jikkontribwixxi għar-reżiljenza tas-sistemi tas-saħħa. Barra minn hekk, minħabba li l-pandemija tal-COVID-19 mingħajr preċedent kixfet l-importanza tad-disponibilità immedjata ta' fornimenti kritiċi biex jingħata rispons effettiv f'sitwazzjoni ta' emerġenza, il-kamp ta' applikazzjoni tal-FEŻR għandu jitwessa' biex jippermetti għax-xiri ta' fornimenti neċessarji biex isaħħu r-reżiljenza f'diżastru u biex isaħħu r-reżiljenza tas-sistemi tas-saħħa. Meta jinxtraw il-fornimenti biex isaħħu r-reżiljenza tas-sistemi tas-saħħa, dawn għandhom ikunu konsistenti mal-<b>istrategġija</b> nazzjonali tas-saħħa <b>u fejn applikabbli, ma' dawk reġjonali</b> u ma jmorrux 'lil hinn minnha u għandhom jiżguraw il-komplementarjetajiet mal-[Programm tas-Saħħa], kif ukoll il-kapaċitajiet tar-rescEU taħt il-Mekkaniżmu tal-Unjoni għall-Protezzjoni Ċivili (UCPM);”</p>

### Raġuni

Evidenti.

## II. RAKKOMANDEZZJONIJIET TA' POLITIKA

IL-KUMITAT EWROPEW TAR-REĠJUNI

### Kummenti ġenerali

1. jilqa' b'sodisfazzjon il-proposti fil-mira ta' REACT-EU li għandhom l-għan li jindirizzaw l-effetti soċjoekonomiċi negattivi diretti tal-pandemija attwali u ta' kriżijiet futuri maġġuri oħra, inklużi riżorsi finanzjarji addizzjonali biex titrawwem it-tiswija tad-dannu kkawżat mill-kriżi u jiġi ffaċilitat rkupru ekoloġiku, diġitali u reżiljenti;

2. jenfasizza l-importanza tal-politika ta' koeżjoni u l-kapaċità tagħha li tappoġġja l-bliet u r-reġjuni fi żminijiet ta' kriżi, inkluż bl-użu tal-programmi operattivi eżistenti; jišhaq f'dan il-kuntest li l-isfidi indirizzati minn REACT-EU, jiġifieri l-mitigazzjoni tal-impatt negattiv tal-COVID-19 u t-tnejn għal rkupru fit-tul, jirrikjedu strategġiji mfassla apposta u adattati territorjalment, peress li l-impatti u l-opportunitajiet territorjali li jirriżultaw minn dawn l-isfidi mhumiex imqas b'mod ugwali madwar l-UE;

3. jenfasizza l-ħtieġa li jintlaħaq bilanċ bejn l-iżborż mgħaġġel ta' riżorsi ġodda disponibbli, l-investment effettiv u effiċjenti u l-ħtieġa li jiġu evitati irregolaritajiet, żbalji sistemiċi jew frodi;

4. itenni t-tħassib tiegħu dwar in-natura temporanja ta' xi żidiet finanzjarji fil-politika ta' koeżjoni, li mhux se jikkompensaw għat-tnaqqis inizjali propost mill-Kummissjoni fl-2018; f'dan il-kuntest, il-KtR jinsisti li l-politika ta' koeżjoni m'għandhiex titlef il-mira tal-oġettivi fit-tul u l-ħtiġijiet tal-iżvilupp tagħha meta timplimenta prijoritajiet fuq medda qasira ta' żmien;
5. jilqa' b'sodisfazzjon il-miżuri biex jitnaqqas il-piż amministrattiv involut fl-implimentazzjoni tal-programmi;
6. jieħu nota tal-eżenzjoni mir-reqwiżit ta' konċentrazzjoni tematika taħt REACT-EU, iżda jirrakkomanda konċentrazzjoni tematika minima sabiex jiġi żgurat li l-fondi minfuqa fuq it-tiswija tad-dannu kkawżat mill-kriżi jkunu konformi mal-għan tan-newtralità klimatika tal-UE għall-2050; jistieden lill-Istati Membri jaġhmlu użu innovattiv mir-riżorsi addizzjonali biex iqarrbu l-ekonomiji tagħhom lejn perkors ta' żvilupp ekoloġiku, diġitali u reżiljenti biex ikun żgurat rkupru fit-tul;
7. jenfasizza li, sabiex jiġi żgurat li l-flus jintefqu fl-oqsma bl-akbar bżonnijiet, il-prinċipji tas-sħubija u tal-governanza f'diversi livelli għandhom jintużaw meta jtfasslu mill-ġdid jew jinħolqu programmi operattivi ġodda biex ikopru allokkazzjonijiet finanzjarji REACT-EU jew meta jitwettqu allokkazzjonijiet mill-ġdid tar-riżorsi u modifiki tal-programmi tal-politika ta' koeżjoni ta' wara l-2020;
8. jenfasizza li għadd kbir ta' proġetti f'diversi oqsma għandhom jitħejjew b'mod urġenti u jiġu implimentati b'mod effiċjenti għall-irkupru ġenerali mill-kriżi. Madankollu, dan jista' jkun imfexx mill-iskarsezza finanzjarja tal-baġits lokali u reġjonali. Għalhekk, hemm bżonn li jintużaw sorsi ta' assistenza teknika nazzjonali u tal-UE disponibbli biex jappoġġjaw it-tnedija rapida tal-aktar proġetti importanti li għandhom l-għan li jaġhtu bidu għid lill-ekonomija;
9. jišhaq li l-pandemija tal-COVID-19 u l-għeluq unilaterali tal-fruntieri f'għadd ta' Stati Membri kkawżaw ħsara enormi lir-reġjuni tal-fruntieri li jeħtieġ li tiġi indirizzata kif xieraq, inkluż permezz tal-finanzjament ta' proġetti transfruntiera; jenfasizza fl-istess waqt li fil-każ ta' miżuri futuri ta' lockdown, l-għeluq tal-fruntieri u t-tfikkil sproporzjonat fil-ħajja ta' persuni li jgħixu f'reġjuni tal-fruntiera għandhom jiġu evitati;

#### **Fir-rigward tar-regolament REACT-EU**

10. jilqa' b'sodisfazzjon l-introduzzjoni ta' oġettiv tematiku għid "Trawwim ta' miżuri li jsewwu d-dannu kkawżat mill-kriżi fil-kuntest tal-pandemija tal-COVID-19 u t-tħejjija ta' rkupru ekoloġiku u diġitali tal-ekonomija" għar-riżorsi addizzjonali li għandu jiffaċilita l-ipprogrammar u l-evalwazzjoni ex post tal-interventi mwettqa taħt REACT-EU;
11. jilqa' b'sodisfazzjon l-għażla li tintalab rata ta' kofinanzjament sa 100 % fil-każ ta' riżorsi addizzjonali taħt REACT-EU, filwaqt li jitlob ukoll fluss ta' investiment adegwat u viġilanza akbar fir-rigward ta' irregolaritajiet possibbli;
12. jilqa' b'sodisfazzjon il-livell oġhla ta' prefinanzjament għal azzjonijiet appoġġjati mill-finanzjament addizzjonali REACT-EU, li għandu jaġhmlha possibbli li jiġu żborżati malajr l-impenji li jkunu saru;
13. jitlob li r-riżorsi addizzjonali jinfirxu sal-2024 biex l-awtoritajiet manijerjali jingħataw il-ħin meħtieġ u l-flessibbiltà meħtieġa biex jimplementaw programm għid ta' dan id-daqs u sabiex jiġu promossi l-effiċjenza u l-effikacija tal-infiq kif ukoll biex jitnaqqas il-piż amministrattiv;
14. jissottolinja li l-possibbiltà ta' trasferimenti bejn il-kategoriji ta' reġjuni għandha tintuża biss meta ma jkun hemm l-ebda possibiltajiet oħra ta' finanzjament u sakemm ikun meħtieġ biss għar-rispons immedjat għat-tifqigħa tal-COVID-19, filwaqt li jitqies l-oġettiv ġenerali tal-koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali;

#### **Fir-rigward tal-emenda għall-proposta tar-Regolament dwar id-Dispożizzjonijiet Komuni tal-2021-2027**

15. jinnota l-flessibbiltà żejda għat-trasferiment tar-riżorsi finanzjarji mill-programmi tal-politika ta' koeżjoni għal strumenti taħt ġestjoni diretta jew indiretta b'rispons għal kriżi maġġuri;
16. itenni li tali miżuri addizzjonali għandhom ikunu limitati fiż-żmien u fil-kamp ta' applikazzjoni, filwaqt li wieħed għandu jżomm f'moħħu li kwalunkwe trasferiment m'għandux ifixkel, b'mod partikolari, l-implimentazzjoni jew it-tlestija ta' investimenti essenzjali fir-reġjuni milquta minn dawn it-trasferimenti;

17. jenfasizza, fl-istess ħin, li l-politika ta' koeżjoni ta' wara l-2020, għandha tkun aktar flessibbli sabiex tassorbi x-xokkijiet negattivi potenzjali bħall-pandemija attwali;
18. jilqa' b'sodisfazzjon il-limiti aktar baxxi għat-tneħħija gradwali tal-operazzjonijiet fil-perjodu ta' pprogrammar futur;
19. jirrakkomanda li jiġu ċċarati d-dispożizzjonijiet għall-għażla ta' operazzjonijiet li jkunu tlestew fiżikament jew implimentati bis-sħiħ b'rispons dirett għall-effetti negattivi ta' sitwazzjonijiet ta' kriżi;

#### **Fir-rigward tal-emenda għar-Regolament dwar il-FEŻR u l-Fond ta' Koeżjoni tal-2021-2027**

20. jilqa' b'sodisfazzjon l-estensjoni tal-kamp ta' applikazzjoni tal-appoġġ, li jagħmel lill-Istati Membri aktar reżiljenti għal kriżijiet futuri potenzjali. F'dan il-kuntest, il-KtR jisħaq fuq l-importanza ta' aċċess aħjar għall-finanzjament għall-kumpaniji l-aktar milquta mill-kriżi, mingħajr ma tintilef l-enfasi fuq l-applikazzjoni tar-regoli dwar l-għajnuna mill-Istat;
21. jilqa' b'sodisfazzjon l-estensjoni tal-appoġġ permezz tal-finanzjament tal-kapital operatorju għall-SMEs, li għandu jippermettilhom jirreaġixxu malajr għal kwalunkwe kriżi potenzjali maġġuri li tinħoloq;
22. jieħu nota tad-deroga mir-ekwiżiti tal-konċentrazzjoni tematika u l-allokazzjoni minima għall-Iżvilupp Urban Sostenibbli b'rispons għal ċirkostanzi eċċezzjonali; il-KtR fl-istess ħin jitlob ambizzjonijiet akbar u l-iżvilupp ta' strumenti territorjali fil-livell lokali u reġjonali fil-perjodu ta' wara l-2020;

#### **Fir-rigward tal-emenda għar-Regolament dwar il-FSE tal-2021-2027**

23. jilqa' b'sodisfazzjon il-proposti biex jiġi indirizzat il-faqar fost it-tfal u biex tiżdied il-konċentrazzjoni tematika fuq l-impjeg taż-żgħażaġħ peress li dawn il-gruppi wrew li huma partikolarment vulnerabbli għall-effetti negattivi tal-pandemija tal-COVID-19 u għalhekk jisthoqqlhom ħafna aktar attenzjoni;
24. jilqa' b'sodisfazzjon l-għażla li ssir applikazzjoni għal miżuri temporanji għall-użu tal-FSE Plus;
25. iwissi li kwalunkwe tnaqqis fil-Programm tas-Saħħa tal-UE jista' jnaqqas b'mod sinifikanti l-istat ta' tħejija tal-UE għal pandemiji futuri u jissottolinja s-sinerġiji bejn dak il-programm u l-FSE Plus;

#### **Fl-aħħar nett**

26. jenfasizza li r-reġjuni u l-bliet kienu fuq quddiem nett tal-pandemija tal-COVID-19 u huma l-aħjar postijiet biex jiġi żgurat l-irkupru minn xokkijiet asimmetriċi bħalma hi l-kriżi;
27. jisħaq għalhekk li l-miżuri ġġustifikati mill-kriżi tal-COVID-19 m'għandhom taħt l-ebda ċirkostanza jwasslu għal tentattiv biex tiġi ċċentralizzata l-implimentazzjoni tal-politika ta' koeżjoni fil-perjodu ta' wara l-2020;
28. jenfasizza, bħala konsegwenza, li l-finanzjament deċentralizzat tal-UE għar-reġjuni u l-bliet mhuwiex biss mod effettiv biex jiġu indirizzati xokkijiet negattivi fuq żmien qasir għas-saħħa, iżda wkoll biex jistabbilixxi s-sisien għall-irkupru sostenibbli fuq perjodu ta' żmien medju u twil;
29. jitlob f'dan ir-rigward li jkun hemm koordinazzjoni sħiħa bejn l-istrumenti tal-politika ta' koeżjoni u skemi oħra tal-UE, inkluż il-Fond għal Tranżizzjoni Ġusta u l-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza, sabiex jiġi massimizzat l-impatt pożittiv tagħhom fuq perjodu ta' żmien medju u twil u tiġi fformata s-sistema ta' twassil effiċjenti tagħhom;
30. jinnota li l-erba' proposti leġislattivi huma konformi mal-prinċipji tas-sussidjarjetà u tal-proporzjonalità;
31. jappoġġja bil-qawwa mekkaniżmu tal-UE għall-protezzjoni tad-demokrazija, l-istat tad-dritt u d-drittijiet fundamentali; jitlob li dan il-mekkaniżmu jirrispetta l-valuri fundamentali kollha tal-UE, inkluż ir-rispett għad-dinjità tal-bniedem u d-drittijiet tal-bniedem, il-libertà u l-ugwaljanza, f'kull Stat Membru, reġjun u municiplità.

Brussell, l-14 ta' Ottubru 2020.

*Il-President*  
tal-Kumitat Ewropew tar-Reġjuni

Apostolos TZITZIKOSTAS